



Brussell, 10 ta' April 2019
(OR. en, es)

Fajls Interistituzzjonali:
2009/0018(NLE)
2014/0023(NLE)

12965/18
ADD 1

AVIATION 126
RELEX 895

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	5325/18 AVIATION 9 RELEX 35
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra – Adozzjoni – Dikjarazzjonijiet

**Stqarrija tal-Kummissjoni rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Kanada**

Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ l-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjoni prevista tal-Kunsill. Madankollu, fir-rigward tal-proċedura, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ma tistax tiġi kkundizzjonata mill-qbil tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-28/12).

Tali pass proċedurali addizzjonali, ta' natura intergovernattiva, mhuwiex previst fl-Artikolu 218 tat-TFUE u huwa inkompatibbli ma' dik id-dispożizzjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni tifhem li dan il-pass mhuwiex imsemmi fl-abbozz ta' Deċiżjoni u li mhuwiex parti minn din il-proċedura ta' adozzjoni.

Dikjarazzjoni minn Spanja

Spanja b'dan tiddikjara li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranià li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 hija infurmat lill-Kummissjoni li hija ma baqgħetx tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data 'l hawn, hija ma kkunsidratx aċċettabbli li tibqa' ssir referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni kif kienet qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġislazzjoni għdida.
